# 133. Tliet Allat

Alla li tista' kollox m'għadekx waħdek
Alla li tista' f'salt u ta' kull ħin
minn fuq il-wiċċ tal-art id-dinja sħiħa
teqred bir-razza kollha tal-bnedmin.

Illum hawn żewġ allat, wieħed ġo Moskow,
u l-ieħor f'Wahington, li b'disprament,
permezz tal-bombi atomiċi u nukleari
jistgħu jeqirdu l-ħajja kull mument.

U dawn l-allat ukoll għandhom is-setgħa
li n-nies li jkunu taħthom sfaw maħkuma
ikollhom jieklu, jorqdu, jgħixu, u jaħsbu
b'tifsila waħda kif iridu huma.

Ja Alla tal-eżerċti duwa wieħed
hemm għal dal-gwaj, li ġo tan-nies l-imħuħ
jidħol id-dawl, fir-rieda tidħol saħħa,
sabiex inqajmu lkoll forza tar-ruħ

Li ġġagħal liż-żewġ allat li jarmu l-baħar
l-armi tal-qerda lkoll – kull wieħed niedem –
flimkien ma kull reġim totalitarju,
u nqajmu d-dinjità kbira tal-bniedem.

Qajjem Mulej profeti bħal fl-imgħoddi,
bħal Canon Collins qajjem bil-eluf,
sabiex nitilqu minn Aldermaston
ngħannu mat-triq is-sliem sa kollha t-truf.